# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 57**

Il-Ħamis 24 ta' Novembru 2022

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar il-Ħamis 24 ta' Novembru 2022 fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 57.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

57.1.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li l-Kunsilliera Juliet Attard infurmat lill-Kunsill li ser ikun indisposta. Il-membri tal-Kunsill aċċettaw l-apoloġija.

### 57.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

57.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 56 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

57.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

57.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 57.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

57.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri għarraf lill-membri li ġie avviċinat minn membri tal-familja ta' Carmen Said u wrew ix-xewqa li tissemma triq fil-Munxar għaliha. Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil unanimu dwar dan u ġie deċiż li t-triq il-ġdida fi Triq Rinota li kienet proposta li tissemma Triq L-Għargħar, tissemma Triq Carmen Said.

57.3.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill ippubblika s-sejħa għall-offerti għall-ġbir tal-iskart mill-*waste depots* li qed isiru fix-Xlendi permezz ta' fondi mill-Ministeru Għall-Ambjent, L-Enerġija u L-Intrapriża.

57.3.3 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li ġew sottomessi tlett applikazzjonijiet ta' fondi, waħda maħruġa mill-Ministeru Għall-Ambjent, L-Enerġija u L-Intrapriża li titratta xogħlijiet ta' pavimentar,

*railings* u dwal ġodda fix-Xlendi, u skema oħra maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali li titratta xogħlijiet ta' tisbieħ fi Triq Santa Dminka fil-Munxar, u skema oħra maħruġa mill-aġenzija LESA li titratta tlett skulturi ornamentali. Is-Sindku għarraf lill-membri li hekk kif jinħareġ l-eżitu ta' dawn l-iskemi jiskatta l-proċess tal-akkwist u l-evalwazzjoni tal-offerti.

57.3.4 Is-Sindku għarraf lill-membri li qed joqorb iż-żmien għat-tieni attivita' marbuta mal-iskema ta' fondi ewropej għat-tisbieħ tal-belvedere fi Triq L-Isqawi. Din l-attivita' ser tkun nhar it-28 t'April 2022. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-prestazzjoni prinċipali waqt din l-attivita' tkun minn 'Versatile Band' u minħabba proċeduri ta' akkwist, il-Kunsill għandu jressaq talba lid-Direttur tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

57.3.5 Is-Sindku ppropona sabiex l-ikla tal-Milied għall-istaff u l-membri tal-Kunsill issir nhar il-15 ta' Diċembru 2022. Kien hemm qbil minn dawk preżenti.

## 57.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

57.4.1 Il-Viċi Sindku Carmela Parnis staqsiet dwar il-magna tal-fliexken tal-plastik u għalfejn fil-lokalita' tal-Munxar u x-Xlendi ma ġietx installata. Is-Sindku fakkar lill-membri preżenti li kienet ressqet proposta mill-kumpanija li qed tieħu ħsieb din l-iskema biex tiġi nstallata waħda fix-Xlendi fejn il-Kunsill kien wieġeb li ma jsibx oġġezzjoni iżda din baqgħet ma saritx. Is-Sindku għarraf lill-membri li huwa reġa' bagħat lil din il-kumpanija biex terġa' tikkunsidra tinstalla din il-magna fil-lokalita'.

57.4.2 Il-Kunsillier Joseph Cauchi, ressaq suġġeriment ta' resident sabiex lampa LED fi Triq Rinota timxi minn ma' faċċata ta' residenza għal ma' arblu viċin. Kien hemm qbil dwar dan mill-membri preżenti.

## 57.5 Proġetti fil-Lokalita';

57.5.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li t-talba għall-estensjoni għax-xogħol relatat mal-promozzjoni tal-proġett tat-torri tax-Xlendi sal-aħħar ta' Ġunju 2023 ġiet milqugħa. Ix-xogħol relatat mar-restawr u l-*interpretation centre* ġie konkluż u waqt din il-laqgħa ser jiġi approvat il-kont ta' dawn ix-xogħlijiet għajr il-fattura tar-*retention monies*. Is-

Sindku ippropona sabiex il-promozzjoni u l-ftuħ uffiċċjali jingħalaq kollox għal ħabta ta' Mejju 2023 sabiex nilħqu ntemmu l-proċessi kollha tal-pagamenti relatati.

57.5.2 Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill qed jistenna l-approvazzjoni mill-awtorita' ta' ġestjoni tal-fondi ewropej wara li l-Perit tal-Kunsill fuq il-proġett tal-bini ta' ħitan tas-sejjieħ hejja rapport dwar il-varjazzjonijiet fuq il-kuntratt u ġie approvat mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

57.5.3 Dwar il-proġett tal-Pjazza tal-Knisja, is-Sindku għarraf lill-membri li qed jiġi ffinalizzat il-kont u jsiru l-aħħar xogħlijiet wara li l-Kunsill ottjena l-approvazzjoni mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali għall-varjazzjonijiet fuq il-kuntratt. Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill talab sabiex issir laqgħa mal-Ministru Għal Għawdex dwar il-finanzjament ta' dawn il-varjazzjonijiet.

57.5.4 Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill ottjena l-approvazzjoni għall-estensjoni tal-proġett tax-xogħlijiet fi Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina sal-aħħar ta' Ġunju 2023. Huwa qal li għadu kif tlesta x-xogħol fuq l-installazzjoni tad-dawl dekorattiv il-ġdid u ġew installati żewġ *springers* ġodda. Ix-xogħol li għad fadal f'dan il-proġett huwa is-*safety railings* tal-ħadid biss.

## 57.6 Attivitajiet tal-Milied 2022;

57.6.1 Is-Sindku ppropona programm t'attivitajiet għal żmien il-Milied 2022 li se jittella' bl-għajnuna finanzjarja tal-Ministeru Għal Għawdex, mill-fondi taħt l-iskema ta' attivitajiet kulturali u mill-fondi taħt l-iskema ta' finanzjament tal-Milied maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

- 8 ta' Diċembru 2022 – Ħarġa kulturali għall-anzjani fil-monti tan-Nadur, fil-Mitħna tax-Xewkija, quddiesa fil-Kappella tal-Kunċizzjoni l-Qala, il-wirja tal-presepji fis-sala tal-Ministeru Għal Għawdex u ħin liberu fis-swieq tal-Milied fil-Villa Rundle.
- 12 ta' Diċembru 2022 – Jum il-Munxar b'quddiesa fis-6pm u ssegwi s-serata tal-okkażjoni bis-sehem ta' DCapitals Big Band.
- 17 ta' Diċembru 2022 – Attivita' taħt it-tinda fil-pjazza bis-sehem ta' Gozo Youth Band Orchestra.

- 18 ta' Diċembru 2022 – Attivita' taħt it-tinda fil-pjazza b'diversi karattri animati tal-Milied, logħob għat-tfal, kantanti lokali, korijiet tat-tfal u gruppi taż-żfin.
- 25 ta' Diċembru 2022 – Tqassim tar-rigali minn Father Christmas, liema jkunu miġjuba mill-ġenituri stess.
- 25 ta' Diċembru 2022 – Tqassim fid-djar ta' ikla b'xejn għall-koppji anzjani, nies vulnerabbli u persuni li jgħixu waħedhom.

Kien hemm qbil mill-membri dwar dan il-programm ta' attivitajiet u biex jinħareġ fuljett li jitqassam f'kull residenza.

## 57.7 Jum il-Munxar 2022;

57.7.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li nhar it-Tnejn 12 ta' Diċembru 2022 huwa Jum il-Munxar li bħas soltu jiġi mfakkar b'quddiesa fis-6 ta' filgħaxija fil-Knisja tal-Munxar u ssegwi s-serata tal-okkażjoni fiċ-Ċentru Parrokkjali bis-sehem ta' DCapitals Big Band. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

57.7.2 Dwar 'Ġieħ Il-Munxar', kien hemm qbil mill-membri sabiex isir ftit *brain storming* u wara diskussjoni bejn il-membri ssir komunikazzjoni permezz ta' *email* biex jiġu kkonfermati l-onorofiċenzi għal din is-sena.

## 57.8 Laqgħa Annwali tal-Lokalita';

57.8.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li skont l-artiklu 70 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, trid tissejjaħ laqgħa pubblika sal-15 ta' Diċembru 2022 li fiha jiġu diskussi l-estimi finanzjarji għas-sena 2023 wara li jiġu evalwati s-suġġerimenti mill-pubbliku li jattendu għal din il-laqgħa pubblika. Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex din il-laqgħa issir nhar il-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2022 fil-5.30pm u jinħareġ avviż li jitqassam f'kull residenza fil-lokalita'. Kien hemm qbil mill-membri preżenti

## 57.9 Approvazzjoni tal-*Quarterly Financial Report*: Jannar 2022 – Settembru 2022 (It-tielet kwart);

57.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport finanzjarju ta' kull kwart mill-1 ta' Jannar 2022 sat-30 ta' Settembru 2022 li ntbagħat wkoll għall-attenzjoni tal-membri permezz ta' *email*.

57.9.2 Ir-rapport finanzjarju tat-tielet kwart Jannar 2022 – Settembru 2022 ġie approvat unanimament mill-membri preżenti u ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 57.10 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

57.10.1 Il-Kunsill irċieva korrispondenza sabiex jiġi estiż b'sena l-kuntratt mal-HSBC għall-użu tal-*kiosk* fi Pjazza Anfori fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri biex jiġġedded b'sena skont it-termini tal-kuntratt preċedenti u tiiġi ffinanzjata minn HSBC is-somma ta' €5,000 għall-akkwist ta' *victorian pillar clock* biex jiġi nstallat fil-bajja tax-Xlendi. Kien hemm qbil sabiex il-Kunsill joħroġ id-differenza għal dan l-arloġġ.

57.10.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kumitat Olimpiku Malti li ser jorganizza l-*Malta Sports Awards* biex dawk il-Kunsilli nteressati jistgħu japplikaw għall-kontribut tagħhom fil-qasam sportiv matul is-sena. Kien hemm qbil dwar din is-sottomissjoni.

57.10.3 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Direttorat tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex sabiex jinforma lill-Kunsill li l-esebizzjoni *'On the Road'* fil-Munxar ser tkun bejn it-30 ta' Jannar u t-13 ta' Frar 2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

57.10.4 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Dr Lydia Abela, mart il-Prim Ministru dwar l-inizjattiva 'Rigal bi Mħabba' sabiex dawk interessati juru solidarjeta' ma' dawk it-tfal fil-bżonn ipoġġu rigal taħt is-siġra tal-Milied fil-Pjazza fil-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jipparteċipa' u jinħareġ avviż fil-fuljett tal-attivitajiet tal-Milied.

57.10.5 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand GreenMT biex jinfurmaw lill-Kunsill li minħabba l-introduzzjoni tal-ġbir tal-iskart reġjonali, l-iskema GreenMT ser tieqaf tiġbor l-iskart riċiklabbli tal-borża l-griża u dak tal-ħġieġ bieb bieb. Il-Kunsill innota l-kontenut u ser ikun qed jistenna direzzjoni mill-Kunsill Reġjonali Għawdex.

57.10.6 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand grupp ta' voluntiera *'Cast-Out'* sabiex jagħmel attivita' ta' tindif fl-inħaw tas-Sanap. Is-Sindku talab sabiex il-Kunsill jgħarraf lil dan il-grupp li kien hemm xogħol ta'

bini ta' ħitan tas-sejjieħ u jista' jkun hemm xi materjal relatat. Kien hemm qbil mill-membri dwar din l-attivita'.

57.10.7 Ċirkulari DLG numru 8/2022 – Kors ta' Aġġornament dwar l-EPPS. Il-Kunsill innota l-kontenut filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma l-attendenza tiegħu għal dan il-kors.

57.10.8 Ċirkulari DLG numru 9/2022 – Proġetti ta' Konservazzjoni u Restawr fuq Wirt Kulturali li jsiru mill-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

57.10.9 PQ 4146 - Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba.

57.10.10 PQ 3020 - Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba.

57.10.11 PQ 3283 - Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba.

57.10.12 Ċirkulari Nru AKL 2022/106 – Seasonal Influenza Vaccine Campaign 2023 – Local Councils. Il-Kunsill innota l-kontenut.

57.10.13 Ċirkulari Nru AKL 2022/107 – A National Survey on Sexual and Reproductive Health. Il-Kunsill innota l-kontenut.

57.10.14 Ċirkulari Nru AKL 2022/108 – Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa 2023. Il-Kunsill innota l-kontenut filwaqt li kien hemm qbil sabiex din l-polza terġa' tiġġedded għall-membri u l-impjegati kollha nkluż dawk tal-CWSEF.

57.10.15 Ċirkulari Nru AKL 2022/109 – Christmas Gala Dinner 2022 in aid of the MCCF. Il-Kunsill innota l-kontenut.

57.10.16 Ċirkulari Nru AKL 2022/110 – Trasport għall-Pazjenti tal-Hospice. Il-Kunsill innota l-kontenut.

***6.30pm - Il-Kunsillier Joseph Cauchi talab biex jiġi skużat mil-laqgħa minħabba mpenji oħra personali li se jkollu jattendi għalihom.***

57.10.17 Ilment 50/2022
Resident jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar preżenza ta' ġrieden fi Ġnien Ragalna. Kien hemm qbil mill-membri sabiex tingibed l-attenzjoni tad-Dipartiment tas-Sanita fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex.

57.10.18 Ilment 51/2022
Resident jitlob sabiex issir bankina ġdida fi Triq ir-Rabat k/ma' Triq il-Ġostra fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex issir it-talba fis-sistema tal-Ministeru Għal Għawdex.

57.10.19 Ilment 52/2022
Resident jiġbed l-attenzjoni sabiex jitranġa ħajt ta' taħt Triq ir-Rumani li ċeda parti minnu. Kien hemm qbil mill-membri sabiex issir il-manutenzjoni neċessarja.

57.10.20 Ilment 53/2022
Persuna titlob sabiex jitranġa ħajt tas-sejjieħ f'passaġġ fi Triq il-Qsajjem. Kien hemm qbil mill-membri sabiex issir spezzjoni fuq il-post għal dan ix-xogħol.

57.10.21 Ilment 54/2022
Resident jilmenta dwar sewqan eċċessiv fi Triq il-Kantra fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex tingibed l-attenzjoni tal-Pulizija tal-Komunita'.

57.10.22 Ilment 55/2022
Residenta tissuġġerixxi sabiex jerġgħu jsiru l-ħadid bil-ganċijiet għal-boroż tal-iskart fi Triq il-Munxar quddiem '*Andar Residence*' minħabba li l-boroż qed jitqattgħu mill-qtates u jkun hemm il-ħmieġ u l-insetti. Kien hemm qbil mill-membri li dawn ma jerġgħux isiru minħabba li kien qed jakkumula ħafna żibel fl-inħawi b'inkonvenjent għar-residenti tal-madwar.

## 57.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

57.11.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 57/2022-8 għall-perjodu bejn il-21 t'Ottubru 2022 u l-24 ta' Novembru 2022 li tammonta għal €74,560.25 ġiet approvata u ffirmata. Il-Viċi Sindku Carmen Parnis kienet il-proponent filwaqt li l-Kunsillier Mark Busuttil is-sekondant.

## 57.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

57.12.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.00 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2022 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, l-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Damien Spiteri | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |